*"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"*
*Project may be considered for part-financing by the European Regional Development Fund*
*Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds*

## L-ISTITUT GĦALL-ISTUDJI TURISTIĊI

Il-Kap Eżekuttiv tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi jgħarraf li:

Kwotazzjonijiet elettroniċi fir-rigward tal-avviżi li ġejjin jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

**Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-23 ta' Jannar, 2018, għal:**

Avviż Nru. CFQ-ITS/002-2018. Disinjar tal prospett għas-sena skolastika 2018-2019.

**Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Jannar, 2018, għal:**

Avviż Nru. CFQ-ITS/001-2018 għall Istampar tal-Prospett ghal Istitut ghall-Istudji Turistici għas-sena 2018-2019.

Id-dokument huwa mingħajr ħlas.

Dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mill-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex isir użu minn dan is-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ li jkollhom l-*e-ID* tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw dan is-sit Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati li jipparteċipaw f'din is-sejħa għall-offerti huma mħeġġa biex jieħdu nota tal-*workshops* li qed jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Matul dawn il-*workshops* isiru simulazzjonijiet

## INSTITUTE FOR TOURISM STUDIES

The Chief Executive Officer of the Institute for Tourism Studies notifies that:

Electronic quotations in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below. Quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

**Up to 10.00 a.m. of Tuesday, 23rd January, 2018, for:**

Advt No. CFQ-ITS/002-2018. Design for the Institute of Tourism Studies Full-time Prospectus 2018-2019

**Up to 10.00 a.m. of Tuesday, 30th January, 2018, for:**

Advt No. CFQ-ITS/001-2018. Printing of the Institute of Tourism Studies Full-time Prospectus 2018-2019

No participation fee is required.

Quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organization e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in this call for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops simulations will be carried out so that economic

b'tali mod li operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw irwieħhom kif jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Aktar informazzjoni hija disponibbli fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni ta' offerti fil-ħin u d-data speċifikata hawn fuq.

Is-16 ta' Jannar, 2018

KUNSILL LOKALI ĦAL TARXIEN

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien jgħarraf illi:

**Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien permezz tal-*e-PPS* sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, id-29 ta' Jannar, 2018, għal:**

Tisbiħ ta' Ġnien Kurunell Mass li jinkludi *gym* ta' barra u *play area* – Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-16 ta' Jannar, 2018

KUNSILL LOKALI R-RABAT

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li:

**Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali r-Rabat permezz tal-*e-PPS* sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. RLC/T/0164/18. Żamma u manutenzjoni ta' toroq ta' aċċess, u toroq ta' aċċess biss u pedonali – Kunsill Lokali Rabat (Malta).

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-16 ta' Jannar, 2018

operators familiarize themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

16th January, 2018

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

The Ħal Tarxien Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ħal Tarxien Local Council through e-PPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 29th January, 2018, for:**

Embellishement of Ġnien Kurnuell Mass including an open air gym and play area – Ħal Tarxien Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

16th January, 2018

RABAT LOCAL COUNCIL

The Rabat Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Rabat Local Council through e-PPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 16th February, 2018, for:**

Advt No. RLC/T/0164/18. Upkeep and maintenance of 'access roads' and 'access only and pedestrian streets' – Rabat (Malta) Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

16th January, 2018

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

**Sejħa għall-Offerti**

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

**Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Frar, 2018, jintlaqgħu offerti *online* għal:**

Avviż Nru. MLC 1/2018. Ġbir ta' skart domestiku imħallat b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent

Id-dokument tal-offerta jista' jinkiseb *online* mis-sit elettroniku (https://www.etenders.gov.mt). Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta l-aktar offerta li tidher vantaġġjuża.

Is-16 ta' Jannar, 2018

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

**Call for Tenders**

The Mellieħa Local Council notifies that:

**Online tenders will be received, by not later than noon of Tuesday, 20th February, 2018, for:**

Advt No. MLC 1/2018. Collection of mixed household waste in an environmentally friendly manner.

The tender document is available online through (https://www.etenders.gov.mt). The Council reserves the right to refuse even the most seemingly advantageous tender.

16th January, 2018

KUNSILL LOKALI L-GUDJA

Il-Kunsill Lokali l-Gudja jgħarraf li:

**Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Gudja permezz tal-*e-PPS* sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-6 ta' Frar, 2018, għal:**

Avviż Nru. GLC-01-2018. Servizz professjonali ta' perit għall-Kunsill Lokali l-Gudja.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-16 ta' Jannar, 2018

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Gudja Local Council through e-PPS, up to 9.30 a.m. on Tuesday, 6th February, 2018, for:**

Advt No. GLC-1-2018. Professional services of an architect for Gudja Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

16th January, 2018

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

61

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Ottubru, 2017, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Fra Diego, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Settembru, 2017, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joe Saviour Emanuel

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 31st October, 2017, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diego, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 15th September, 2017, whereby they asked the Tribunal to condemn Joe Saviour Emanuel

Farrugia (KI 206487M) ta' Rodrick, Flat 1A, Triq in-Nigret, Iż-Żurrieq, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1049.87, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż Numru 442/17PM) hija differita għall-5 ta' Frar, 2018, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-11 ta' Jannar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Farrugia (ID 206487M) of Rodrick, Flat 1A, Triq in-Nigret, Żurrieq, to pay the plaintiff company the sum of €1049.87, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim Number 442/17PM) is deferred on the 5th February, 2018, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 11th January, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

62

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Settembru, 2017, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Fra Diego, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fil-31 ta' Awwissu, 2017, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Annabel Jean Collins (KI 67751A) ta' Cheri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Il-Mellieħa, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €879.71, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż Numru 402/17CZ) hija differita għad-29 ta' Jannar, 2018, fil-12.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-11 ta' Jannar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 5th September 2017, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diego, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 31st August, 2017, whereby they asked the Tribunal to condemn Annabel Jean Collins (ID 67751A) of Cheri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of €879.71, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim Number 402/17CZ) is deferred on the 29th January, 2018, at 12.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 11th January, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

63

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-3 ta' Ottubru, 2017, Rikors Numru 1246/2017, min-Nutar Joseph Abela fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Veronique Jolanda Buekers, mart id-*decujus*, u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż bejn Zane Peeters, Kay Peeters u Jolie Gina Peeters, ulied id-*decujus* fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' David Frans Luc Peeters, iben il-mejtin Jean Pierre Peeters u Valentine Dethier, imwieled Hasselt, il-Belġju, kien residenti Portomaso, San Ġiljan u miet Zhangjiagang City, iċ-Ċina, fil-31 ta' Lulju, 2017, ta' 49 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 127265A.

By means of an Application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 3rd October, 2017, Application Number 1246/2017, by Notary Joseph Abela whereby he prayed that it be declared open in favour of Veronique Jolanda Buekers, wife of the decujus, and this in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Zane Peeters, Kay Peeters and Jolie Gina Peeters children of the decujus in equal shares between them the Succession of David Frans Luc Peeters, son of the late Jean Pierre Peeters and Valentine Dethier, born in Hasselt, Belgium, resided in Portomaso, St Julians, and died in Zhangjiagang City in China on the 31st July, 2017, aged 49, holding identity card number 127265A.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum il-11 ta' Jannar, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 11th January, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

64

DKR 10/2018 – Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Jannar, 2018, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) Kumpilazzjoni numru 475/2017, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Rennie Stivala)

Kontra

Edward Caruana, ta' 57 sena, Uffiċjal Pubbliku, bin il-mejjet Paul u Saverina xebba Farrugia, imwieled ir-Rabat Malta fl-1 ta' Mejju, 1960, residenti fil-fond bin-numru 109, Triq il-Kulleġġ, Ir-Rabat, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 308560M.

Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Edward Caruana jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti Awtorizzat lill-imputat Edward Caruana li jirċievi annwalment l-ammont previst mil-ligi li hu tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputati jindikaw lill-Qorti huma stess minn liema kont ikunu qed jipperċepixxu l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien

DKR 10/2018 – New Freezing Order

It is being notified that by a decree dated 10th January, 2018, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) Compilation number 475/2017 in the case:

The Police
(Inspector Rennie Stivala)

Versus

Edward Caruana, 57 years, Public Official, son of the late Paul and Saverina née Farrugia, born in Rabat Malta on the 1st May, 1960, residing at number 109, Triq il-Kulleġġ, Rabat, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 308560M.

Ordered the attachment in the hands of third parties in general all monies and other movable property due or pertaining or belonging to Edward Caruana and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according Section 23A (2) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court Authorised the accused Edward Caruana to receive the amount authorized by law which is thirteen thousand, nine hundred and seventy six euro and twenty-four cents (€13,976.24) on an annual basis provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these monies are taken or the accused themselves may indicate to the Court from which account they are perceiving the money indicated.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to

ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, il-11 ta' Jannar, 2018
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP. MGMT STUD, DIP.NOT. PUB., LLB, LLD
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 11th January, 2018
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH.SCIENCE, DIP. MGMT STUD, DIP.NOT. PUB.,LLB, LLD
Assistant Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

65

B'Digriet tat-2 ta' Awwissu, 2017, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikoli 187 (3) u 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fit-23 ta' Novembru, 2017, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €10 prezz minnu offert fil-bejgħ bl-irkant 15/17 fl-ismijiet J. Zammit Limited (C 37945) vs Giovanni Palmeri (KI 73453A) miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2017.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, il-11 ta' Jannar, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 2nd August, 2017, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Articles 187 (3) and 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited (C 37945) on the 23rd November, 2017, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €10 following judicial sale by auction 15/17 in the names J. Zammit Limited (C37945) vs Giovanni Palmeri (ID73453A) held under the Authority of the said Court on the 22nd November, 2017.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 11th January, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

66

B'digriet tal-15 ta' Diċembru, 2017, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

By a decree given on the 15th December, 2017, by the Civil Court, First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ottubru, 2017, minn Dr Stefan Balzan noe, bin-numru tal-*file* 40/17 fl-ismijiet Olimzhan Irismetov vs Oleg Anatolyevich Skylarov (KI 120107 L) u Dolores Skylarov (KI 191063M) qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Fond bl-isem 'Capri', Appartament numru tnejn (2), fi Triq Moroni, Il-Gżira.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Anatolyevich Skylarov (KI 120107 L) u Dolores Skylarov (KI 191063M)

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, it-3 ta' Jannar, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 27th October, 2017, by Dr Stefan Balzan noe, file 40/17 in the names Olimzhan Irismetov vs Oleg Anatolyevich Skylarov (ID 120107 L) u Dolores Skylarov (ID 191063M) is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

Tenement named 'Capri', Apartment number two (2), in Triq Moroni, Gżira

The said tenement is the property of Anatolyevich Skylarov (ID 120107 L) u Dolores Skylarov (ID 191063M)

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 3rd January, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

67

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fl-20 ta' Ottubru, 2017 (Rikors Numru 80/2017JVC) minn Angelo Muscat pro et noe, intalbet l-apertura tas-Suċċessjoni ta' Charlie Muscat, bin Joseph Muscat u Karmena née Muscat, imwieled Għawdex u ġja residenti Normanton, Queensland, l-Awstralja; miet Normanton, Queensland, l-Awstralja, fis-17 ta' April, 2009, intestat, liema apertura għandha ssir fi kwoti ta' porzjon minn ħamsa (1/5) indiviż għal kull wieħed minn ħutu, ċjoè Michael Muscat, Paul Muscat, Emanuel Muscat, Rita mart Joseph Muscat u Joseph Muscat jew is-suċċessuri tagħhom fejn hu l-każ, ulied Joseph Muscat u Karmena née Muscat, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jigi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja
Illum il-11 ta' Jannar, 2018

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 20th of October, 2017 (Application Number 80/2017JVC) Angelo Muscat pro et noe et, requested the opening of the Succession of Charlie Muscat, son of Joseph Muscat and Karmena née Muscat, born in Gozo and who used to reside in Normanton, Queensland, Australia; died in Normanton, Queensland, Australia on the 17th April 2009 intestate, and which opening of succession is to be made as to one fifth (1/5) undivided share in favour of each of the siblings of the decuius, that is, Michael Muscat, Paul Muscat, Emanuel Muscat, Rita wife of Joseph Muscat and Joseph Muscat or where is the case their successors, children of Joseph Muscat and Karmena née Muscat

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction
This 11th January, 2018

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

68

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Appell mogħti fis-17 ta' Mejju, 2016, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Claire mart Nazzareno Zammit vs Carmelo Grech, Rikors Ġuramentat numru 437/2005 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Claire mart Nazzareno Zammit a tenur

Notice is hereby given that by a decree of the Court of Appeal, entered on the 17th day of May, 2016, in the records of the Sworn Application in the names Claire spouse of Nazzareno Zammit vs Carmelo Grech, Sworn Application Number 437/2005 AF, it was ordered that service upon Claire spouse of Nazzareno Zammit be made by this publication as

tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Claire mart Nazzareno Zammit vs Carmelo Grech fis-7 ta' Marzu, 2016, Carmelo Grech (KI 62650M) jesponi bir-rispett:

Illi l-attriċi appellata ppreżentat ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Mejju, 2005, li tinkludi t-talbiet kkwotati fl-imsemmi Rikors tal-Appell.

Illi l-appellant konvenut ippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu nhar id-19 ta' Awwissu, 2005, liema eċċezzjonijiet huma kkwotati fir-Rikors tal-Appell fuq imsemmi.

Illi b'sentenza mogħtija nhar it-23 ta' Frar, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi filwaqt li laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk ċaħdet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għaldaqstant qiegħed jinterponi dan l-umli appell, limitatament għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Nuqqas ta' apprezzament xieraq tal-provi. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili naqset milli tagħmel apprezzament xieraq tal-provi dedotti mill-konvenut … omissis …

Illi l-fatti tal-każ fil-qosor huma mogħtija fl-imsemmi Rikors tal-Appell … omissis … Illi l-pern tal-kwistjoni kollha rilevanti għall-każ *de quo* għalhekk tittratta dwar jekk f'xi mument jew ieħor il-partjiet qablux jew le li kellu jkun hemm xi tibdil fil-pjanta oriġinali abbażi ta' liema kellu jinbena l-bini fi Triq l-Eremit, Il-Mosta, b'dan li tali tibdil sar permezz ta' qbil fuq kuntratt u pjanta ffirmati nhar il-11 ta' Novembru, 2002.

Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jelabora dwar il-prova li kien hemm ftehim … omissis … Illi huwa għaldaqstant ċar li jekk wieħed jgħarbel sew l-evidenza prodotta mill-partijiet wieħed ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni li, tal-anqas fuq bażi ta' probabbiltà, l-attriċi appellata kienet fil-fatt ftiehmet mal-konvenut appellant sabiex tiġi alterata l-pjanta abbażi ta' liema kellha tiġi mibnija l-binja fi Triq l-Eremita. Illi għalhekk, bil-kontra ta' dak li rritjeniet l-Ewwel Qorti,

provided in Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of an Application of Appeal filed in the Court of Appeal, in the names Claire spouse of Nazzareno Zammit vs Carmelo Grech on the 7th day of March, 2016, Carmelo Grech (ID 62650M) respectfully submitted:

That the plaintiff appellee filed a writ of summons in the First Hall of the Civil Court on the 9th day of May, 2005, which includes the claims listed in the abovementioned Application of Appeal.

That the appellant defendant filed his pleas on the 19th day of August, 2005, which pleas are quoted in the abovementioned Application of Appeal.

That by a judgment entered on the 23rd day of February, 2016, the First Hall of the Civil Court upheld the first and second claims of the plaintiff while upholding the second plea of the defendant and therefore rejecting the third and fourth claims of the plaintiff, with all the expenses to be paid equally between the parties.

That the applicant felt aggrieved by this decision and is therefore filing this humble appeal, limitedly for that part of the appealed judgment where the Honourable Court of First Instance upheld the first and second claims of the plaintiff.

That the grievances are clear and manifest and consist of the following:

1. Lack of proper evaluation of evidence. That the First Hall of the Civil Court failed to make a proper evaluation of the evidence submitted by the defendant … omissis …

That the facts of the case are briefly given in the abovementioned Application of Appeal … omissis … the crux of the dispute relevant for the case de quo therefore deals with whether at some point the parties agreed or not that changes had to be made in the original plan on the basis of which the premises in Triq l-Eremit Mosta had to be constructed given that such changes were made by agreement on a contract and plan signed on the 11th day of November, 2002.

That abovementioned Application of Appeal elaborates on the evidence that there was an agreement … omissis … That it is therefore clear that if one carefully goes through the evidence produced by the parties, one can only come to the conclusion that, at least on a balance of probabilities, the plaintiff appellee had in fact agreed with the defendant appellant to alter the plan on the basis of which the building in Triq l-Eremita had to be constructed. That therefore,

hu aktar verosimili li l-qbil bejn il-partijiet kien jeżisti u li fil-fatt il-konvenut appellant mexa skont dak il-qbil, imma li l-istess attriċi appellata għażlet li ma tonorax il-ftehim, u dan għar-raġunijiet magħrufa lilha biss.

2. Kunsiderazzjonijiet dwar punti legali. Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jelabora wkoll dwar il-kunsens … omissis … l-esponent jagħmel riferenza għad-duttrina … omissis … 'l hekk imsejħa *teoria della volonta* … omissis … .Illi ġjaladarba ma tressqet l-ebda prova li l-kunsens tal-attriċi kien ivvizzjat, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata li teħles lill-attriċi mill-obbligazzjoni tagħha … omissis … Illi invista tad-diversi punti legali mogħtija fl-imsemmi Rikors tal-Appell, l-esponenti jħoss li l-Ewwel Qorti ma kellhiex raġun meta hi skartat għalkollox il-fatt li bejn il-partijiet kienet attwalment teżisti obbligazzjoni valida skont il-liġi, vinkolanti u enfurzabbli, b'dan illi enunċjat sentenza fejn ħelset lill-konvenuti appellati mill-istess a skapitu tal-interessi tal-esponenti.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat ukoll li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għandha wkoll tiġi riveduta stante li hija naqset milli tieħu konjizzjoni tal-fatt li meta l-partijiet iffirmaw il-pjanta tal-11 ta' Novembru, 2002, huma effettivament kellhom l-animus novandi permezz ta' liema huma ssostitwew il-ftehim oriġinali – ossija li l-binja ssir skont il-pjanta tat-18 ta' Marzu, 1999, – mal-ftehim milħuq fil-11 ta' Novembru, 2002 …omissis … Illi l-imsemmi Rikors tal-Appell jelabora iktar dwar in-novazzjoni … omissis … Illi fi kliem ieħor it-tieni pjanta maqbula bejn il-partijiet neċessarjament eskludiet l-ewwel pjanta u għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju li b'dak li għamlu l-partijiet huma wettqu novazzjoni tal-ftehim li kien hemm bejniethom … omissis …

Illi r-Rikors tal-Appell fuq imsemmi jittratta wkoll in-nuqqas ta' talba u dikjarazzjoni ta' nullità. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, hu umilment sottomess li s-sentenza appellata għandha tiġi wkoll revokata u mibdula stante li l-Ewwel Oorti ma setgħet qatt tibbaża ruħha fuq il-ftehim u l-pjanta tal-1999 mingħajr ma l-ewwel tiddikjara li l-ftehim u l-pjanta tal-2002 kienu nulli u bla effett … omissis … għaldaqstant, qiegħed jiġi sottomess li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hekk kif dedotta hija legalment monka u għalhekk għandha tiġi mibdula.

L-istess Rikors tal-Appell jittratta mbagħad l-ordni ta' tneħħija tal-bordura … omissis … Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq ċitat l-esponent umilment jissottometti li din l-ordni ma kellha qatt tingħata mill-Ewwel Onorabbli Qorti stante li ma tirriżultax mitluba mit-talbiet tal-attriċi appellata … omissis … għaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti li n-natura de minimis tal-borduri magħmula

contrary to what was held by the First Court, it is more likely that the agreement between the parties existed and in fact the defendant appellant complied with that agreement, but the same plaintiff appellee chose not to honour the agreement, and this for reasons known only to her.

2. Consideration on points of law. That the abovementioned Application of Appeal also elaborates on the consent … omissis … the applicant makes reference to the doctrine … omissis … the so-called teoria della volonta … omissis … that since no evidence was submitted that shows that the plaintiff's consent was vitiatied, then the Honourable Court was mistaken to release the plaintiff from her obligation … omissis … that in view of the different legal points given in the abovementioned Application of Appeal, the applicant considers that the Court of First Instance did wrong when it rejected altogether the fact that between the parties there actually was a valid legal obligation, binding and enforcable, this that it pronunced a judgement by which it freed the defendants appellees from the same obligation at the expense of the interests of the applicant.

That without prejudice to the foregoing, it is also submitted that the judgment of the Honourable Court of First Instance should also be reviewed since it failed to take cognizance of the fact that when the parties signed the plan of the 11th day of November, 2002, they actually had the animus novandi through which they replaced the original agreement - or rather that the builidng be made according to the plan of the 18th day of March, 1999 - with the agreement reached on the 11th day of November, 2002 … omissis … that the abovementioned Application of Appeal elaborates further on novation … omissis … In other words the second plan agreed between the parties necessarily excluded the first plan and therefore there is no doubt that with what the parties did they committed novation of the agreement that there was between them … omissis …

That the abovementioned Application of Appeal also deals with the absence of a demand and declaration of nullity. That without prejudice to the foregoing, it is respectfully submitted that the judgement appealed from must also be repealed and substituted since that the Court of First Instance could never rely on the agreement and plan of 1999 without first declaring that the agreement and plan of 2002 were null and void … omissis … thus, it is submitted that the judgment of the Honourable Court of First Instance as deduced is legally defective and should therefore be substituted.

The same Application of Appeal then deals with the order to remove the edging … omissis … without prejudice to the above-cited the applicant respectfully submits that this order should have never been given by the Honourable Court of First Instance since it does not result to have been sought by the appellee plaintiff in her claims … omissis … thus, the applicant humbly submits that the de minimis character

fuq il-gallariji tal-faċċata ma jiġġustifikawx l-estremi tal-ordni ta' rimozzjoni ordnata mill-Ewwel Onorabbli Qorti … omissis …

Finalment, ir-Rikors tal-Appell fuq imsemmi jittratta dwar l-Ordni ta' treġġigħ lura tal-gallariji … omissis … mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li l-ordni tal-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex l-esponent ireġġa' lura l-gallariji għall-wisa' ta' tliet piedi hi waħda li ma tistax tiġi onorata mingħajr ma jiġi rekat dannu u preġudizzju sproporzjonat għall-proprjetà tal-esponent appellant … omissis …

Illi għaldaqstant, invista tas-suespost, l-appellant umilment u riverentement jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha ġja prodotti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u filwaqt li jirriżerva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha lilu permessi skont il-liġi, jogħġobha:

Tvarja s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar it-23 ta' Frar, 2016, fl-ismijiet 'il fuq premessi b'dan illi, (i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi; (ii) tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi billi tiċħad l-istess u minflok tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fl-intier tagħhom; (iii) alternattivament, *in subsidium* u mingħajr preġudizzju għat-talbiet fuq enunċjati, tirriforma s-sentenza billi tirrevoka l-ordni ta' rimozzjoni u treġġigħ lura tal-gallariji mibnija mill-esponenti u minflok tagħti rimedju aktar ġust u ekwu fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata

Appellant: Carmelo Grech (KI 62650M), Sunflower, Triq ir-Raġħaj, Il-Mosta

Notifiki: Claire Zammit, Reno House, Sqaq Ceglo, Triq Giacomo Galea, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri
Illum il-Ħamis, il-11 ta' Jannar, 2018

AV. DOTT. FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of the edging made on the front balconies do not justify the extreme order of removal ordered by the Honourable Court of First Instance … omissis …

Finally, the abovementioned Application of Appeal deals with the Order to put back the balconies to their former state … omissis … without prejudice to the above, it is submitted that the order of the Honourable Court of First Instance to restore the balconies back to the width of three feet is one that cannot be honoured without the appellant applicant suffering damage and disproportionate prejudice to his property … omissis …

That therefore, in view of the above, the appellant humbly asks this Honourable Court, while making reference to all the evidence already submitted before the First Hall of the Civil Court and while reserving the right to bring all the proof permitted by law, to:

Vary the judgment of the First Hall of the Civil Court entered on the 23rd day of February, 2016, in the above-cited names provided that it, (i) confirms that part of the judgment which upheld the second plea of the defendant and dismissed the third and fourth claims of the plaintiff; (ii) reforms that part of the judgment which upheld the first and second claims of the plaintiff by rejecting the same and instead proceed to uphold the pleas of the defendant in their entirety; (iii) alternatively, in subsidium and without prejudice to the foregoing demands, reform the judgment by revoking the order of removal and reversal of the balconies built by the applicant and instead give a more just and equitable remedy in all the circumstances of the case.

With the costs of both instances against the appellee

Appellant: Carmelo Grech (ID 62650M), Sunflower, Triq ir-Raġħaj, Mosta

Services: Claire Zammit, Reno House, Sqaq Ceglo, Triq Giacomo Galea, Naxxar

Registry of the Superior Courts
Today Thursday, the 11th day of January, 2018

ADV. DR FRANK-LUKE M. ATTARD CAMILLERI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

69

B'Digriet tat-8 ta' Jannar, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Ċorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikoli 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

By a decree of the 8th January, 2018, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Articles 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

Illi b'rikors ta' Josef Caruana (KI 55779M) fit-18 ta' Diċembru, 2017, jesponi umilment illi permezz ta' din is-subbasta, il-Kummissarju tal-VAT talab illi l-bejgh tas-Subbasta tal-"porzjon diviża ta' art fil-kontrada Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi, tal-kejl ta' ċirka 410m$^2$ immarkata bħala *plot* numru 6E fuq il-pjanta annessa mal-Att fuq imsemmi tat-18 ta' Diċembru, 2001, u li tikkonfina mill-Grigal ma' Ħandaq Road, mill-Majjistral ma' ġid ta' Easysell Properties Limited u min-Nofsinhar mal-*plot* numru 5E."

That by an application filed by Josef Caruana (ID 455779M) on the 18th December, 2017, the Commissioner of VAT requested the sale of "a divided plot of land in the district of Tal-Ħandaq, limits of Qormi, measuring superficially 410 m$^2$, bounded on the North East by Ħandaq Road, on the North West by a property belonging to Easysell Properties Limited, and from the South with plot number 5E"

Illi prevja r-rapport peritali u l-proċeduri kollha relattivi għas-subbasta surreferita, il-proprjetà msemmija ġiet liberata a favur tal-esponenti.

Consequently as described in the architect's valuation and the related procedures to the judicial sale the property was released in favour of the applicants.

Illi madankollu, riċentement il-perit tekniku appuntat minn din l-Onorabbli Qorti ppreżenta nota korrettorja li permezz tagħha b'referenza għar-rapport ippreżentat minnu stess fl-atti ta' din l-istess subbasta, innota illi effettivament il-proprjetà sofferita kif kienet ġiet valutata minnu effettivament għandha l-kejl superfiċjali ta' ċirka 710m$^2$ mhux ta' 410m$^2$ kif ġie indikat fl-istess rapport.

But recently the architect appointed by this Honourable Court filed a note in order to correct the same report presented by himself in the same Acts of the Judicial Sale, where he noted that the property above mentioned had a superficial area of circa 710m$^2$ not 410m$^2$ as was indicated in the same report.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, avut rigward għas-sofferit, u prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha nneċessarja u/jew opportuni, tordna d-debita korezzjoni fir-rikors tas-subbasta kif ukoll tal-atti kollha relattivi u sussegwenti, dan fis-sens li l-proprjetà tiġi indikata korrettament bħala *plot* numru 6E li tikkonfina mill-Grigal ma' Ħandaq Road u mill-Majjistral ma' beni ta' Easysell Properties Limited u min-Nofsinhar mal-*plot* numru 5E b'kejl ta' ċirka 710m$^2$ mhux 410m$^2$.

The applicant is requesting this Honourable Court, refering to the abovementioned and according to the declarations and/or necessary orders to order the correction of the judicial sale application on the related and subsequent acts and that the property is correctly indicated indikata as plot numru 6E bordered from North East by Handaq Road and from South West by a property of Easysell Properties Limited and from the South by plot number 5E with an area of 710m$^2$ instead of 410m$^2$.

Il- Qorti,

The Court,

Rat ir-rikors,

Has seen the application,

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti bi dritt ta' risposta fi żmien għaxart ijiem.

Orders a notification to the interested parties with a right of reply in ten days.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, il-11 ta Jannar, 2018

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 11th January, 2018

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

70

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Billi Aidan Lungaro-Mifsud (KI 0551878M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 20/2018/LSO) fejn ġiet mitluba l-Korrezzjoni fl-Atti tat-Twelid Numri 355/2012 u 5421/2013 fir-Reġistru Pubbliku,

Whereas Aidan Lungaro-Mifsud (ID 0551878M) filed an application under oath (No. 20/2018/LSO) demanding Correction in the Acts of Birth Nos 355/2012 and 5421/2013 in the Public Registry,

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by

tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum, il-11 ta' Jannar, 2018

JOSETTE DEMICOLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

